**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**27/17**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza mis-Sindku skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret il-lum 3 ta' Marzu, 2011 fil-5.30pm.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi - Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinjura Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier
Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

**Agenda: Skeda ta' pagamenti mis-16 ta' Dicembru 2010 sa 2 ta' Frar 2011.**

**Bidu tal-laqgha**

Il-Laqgha bdiet fil-5.35pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri prezenti.

**Diskusjoni**

Saret spjegazzjoni ta diversi kontijiet kif jidhru fuq l-iskeda ta pagamenti fosthom dwar l-Honoraria tas-Sindku u dwar il-pagament ta Northern Cleaning.

Din l-skeda ta pagamenti ghall-ammont ta €44,457.80 giet approvata kif prezentata.

**Pagament ta Honoraria lill-ex Sindku Elizabeth Vella.**

Il-Kunsill qabel illi kull arretrati u honoraria dovuti lill-ex Sindku ghandhom jigu mhallsa u dan irrespittivament mill kaz pendenti dwar il-kont ta €634.84 invoice number 6354 datata 20 ta Jannar 2010 li kienet l-istess ex Sindku li hija qablet li kienet sejra thallas dan il-kont minn flusha.

Il-Kunsill qabel li l-accountant tal-Kunsill ghandha taghmel l-kont tal-ammont dovut (net mit-taxxa u tnaqqis iehor skond il-ligi) liema kont ghandu jidher fl-ewwel skeda ta pagamenti li titressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Pagament ta €634.84 skond Works Order datata 12 ta Jannar 2010 ghall xoghol ta Catering provdut minn Papillon Caterers skond invoice no 6354 datata 20 ta' Jannar 2010 u indirizzata lill Kunsill Lokali Santa Venera.**

Saret diskusjoni fejn intqal illi fic-cirkostanzi kif kienu maghrufa ghand il-Kunsill fi zmien tal-invoice dan il-kont ta €634.84 qatt ma kellu jidhol fil-kotba tal-Kunsill.

Gie spjegat illi l-Kunsill qed jitlob "credit note" dwar dan, izda jidher li dan mhux qed jigi milqugh minn Papillon Caterers. (RJC Caterers Limited)

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jerga jikteb lill-RJC Caterers Limited (Papillon Caterers) dwar li kienet l-ex Sindku li qablet li thallas dan il-kont ta €634.84 personalment u jsaqsu jekk fil-fatt dan il-kont giex imhallas.

Wara li l-Kunsill jircievi r-risposta ta Papillon Caterers il-Kunsill qabel li jkun jista' jara x'passi jkunu jistghu jittiedu dwar dan il-kaz.

**Servizz ta' gbir ta' skart mill l-Skips nhar ta' Hadd.**

Il-Kunsill ghamel osservanza dwar jekk dan is-servizz hux qed jigi provdut kif miftiehem ghaliex il-Kunsill ma ghandux ihallas jekk dan is-servizz mhux qed jigi provdut.

**Gheluq tal-Laqgha.**

Peress li ma kienx hemm aktar diskusjoni u l-materja fuq l-agenda giet ezawrita s-Sindku ghalaq il-Laqgha, sine die, fis-6.15pm.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Agent Segretarju Ezekuttiv | Horace J. Anastasi<br>Sindku |